# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 15 t'April 2002**

**Numru 1**

**Avviz. numru 560r/99mm**

**Emanuel Mercieca**

**vs**

**Nazzareno Farrugia**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fil-21 ta' April 1999 fejn wara li ppremetta illi b'sentenza fil-kawza fl-ismijiet Nazzareno Farrugia vs Emanuel Mercieca, Avviz Numru 681/98mm fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-18 ta' Frar, 1999 - fl-ismijiet inversi - il-konvenut gie kundannat ihallas id-danni kollha sofferti minn Nazzareno Farrugia flimkien ma' l-ispejjez u l-imghaxijiet legali naxxenti minn incident awtomobilistiku li sar fit-13 ta' Jannar,1998, Tarxien Road, Gudja.

Illi l-esponent ma giex debitament notifikat bl-imsemmija kawza u sar jaf biha billi kien ircieva ittra datata 23 ta' Marzu,1999 mill-Avukat tal-konvenut f'din il-kawza wara li ntbaghtet ittra ufficjali datata 15 ta' Marzu,1999 mill-istess esponent (Dok A).

Illi ghalhekk, a tenur tal-Artikolu 811(b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 812 u d-disposizzjonijiet l-ohra tat-titolu IV tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-attur ghandu dritt jitlob ir-ritrattazzjoni tal-istess kawza.

Talab il-ghalhiex il-Qorti ma kellhiex:

a) tiddikjara u tiddeciedi li l-atti tal-kawza decizi mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kawza fl-ismijiet Nazzareno Farrugia vs Emanuel Mercieca dciza fit-18 ta' Frar, 1999 ma gewx validament notifikati mill-attur f'dik il-kawza, u cioe' Nazzareno Farrugia.

b) thassar u tirrevoka l-imsemmija sentenza a tenur tal-artikolu 811(b) u 812 u d-disposizzjonijiet tat-titolu IV tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement tordna li l-kawza tigi trattata mill-gdid.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ghal fini ta' kompetenza  ma teccedix l-elf lira Maltin (Lm1,000).

Rat id-dikjarazzjoni guramentata.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:-

1) Illi fl-ewwel lok, l-attwalita' u n-nullita' tac-citazzjoni peress, li l-ewwel talba saret inutili u t-talba l-ohra ma hiex konformi mal-ligi peress li bil-kawza odjerna ma jistax jinholoq dak li jipprospetta artikolu 820 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2) Illi fit-tieni lok, kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza, l-attur gie validalment notifikat skond il-ligi.

3) Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi f'dan l-istadju l-Qorti trid tiddeciedi ghandhiex tordna r-ritrattazzjoni tal-kawza numru 681/98mm illi giet deciza minn din il-Qorti fit-18 ta' Frar, 1999 wara l-kontumacja tal-allura konvenut.

L-attur odjern konvenut fil-kawza fuq imsemmija qieghed jallega illi huwa qatt ma rcieva kopja ta' l-avviz peress li l-indirizz tieghu gie ndikat hazin u ghalhekk ma kienx f'posizzjoni illi jikkontesta t-talba tal-allura attur. Fil-fatt irrizulta illi fl-avviz fuq imsemmi l-konvenut kien gie notifikat permezz tal-procedura tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u gazzetti lokali.

Irrizulta mill-provi illi l-avviz numru 681/98mm kien jirrigwarda ncident tat-traffiku illi gara fit-13 ta' Jannar 1998 bejn il-partijiet. Fl-avviz fuq imsemmi Nazzareno Farrugia harrek lil Emanuel Mercieca. L-indirizz ta' dan ta' l-ahhar gie ndikat bhala "LorGrace", Triq Santa Domenica, Santa Venera. Hawnhekk jidher illi sar l-ewwel zball minn naha ta' Nazzareno Farrugia, peress illi t-triq Santa Domenica, ma tezistix f'Santa Venera. L-indirizz korrett kellu jkun Triq Santa Domenica, Haz-Zabbar.

Nazzareno Farrugia kien jaf sew dan l-indirizz peress illi f'ittra ufficjali li baghat lil Mercieca datata 18 ta' Frar 1998, l-indirizz huwa korrettament indikat bhala Triq Santa Domenica, Haz-Zabbar. Sakemm il-konvenut odjern induna b'dan l-izball, lahaq ghadda z-zmien u fil-frattemp l-attur odjern biddel l-indirizz tieghu u mar joqghod 2 Triq Bajda u s-Sewda, Marsascala.

Meta l-avviz 681/98mm baqa ma giex notifikat, fl-ahhar saret il-pubblikazzjoni fid-9 ta' Frar 1999 li kopja taghha tinsab esebita a fol 47. F'din il-pubblikazzjoni l-indirizz ta' l-attur odjern gie ndikat bhala Triq Santa Domenica, Haz-Zabbar. Filwaqt illi dan l-indirizz huwa korrett kif gia nghad, l-attur odjern pero' lahaq biddel ir-residenza tieghu u mar joqghod Marsascala u b'hekk qatt ma sar jaf bil-proceduri illi gew istitwiti kontra tieghu.

L-attur odjern qal li huwa mar joqghod Marsascala ghal habta ta' Ottubru jew Novembru 1998. Fil-fatt ghamel *change of address* fit-28 ta' Novembru 1998 illi baqa' in vigore ghal sena

sa Novembru 1999. Skond Victor Farrugia (fol 22) f'dan il-perjodu kwalunkwe ittra illi tkun indirizzata Haz-Zabbar tigi *re-directed* Marsascala, izda f'dan il-perjodu ma jidhirx illi sar xi attentat ghan-notifika permezz tal-pustier, peress illi l-konvenut odjern ipprova jinnotifika lill-attur tramite l-purtier u anke wkoll wara l-hinijiet legali, pero' l-indirizz li gie moghti kien dejjem dak ta' Haz-Zabbar, fejn allura l-purtier qatt ma sab lill-konvenut fl-indirizz ghax fil-frattemp kien diga mar joqghod Marsascala.

Il-Qorti ghalhekk jidhrilha illi l-attur odjern ghandu ragun jitlob ir-ritrattazzjoni ta' l-avviz numru 681/98mm peress illi ma kienx validament notifikat kif trid il-Ligi u ghalhekk filwaqt illi tilqa' l-ewwel talba ta' l-attur, tordna illi tinstema mill-gdid il-kawza numru 681/98mm.

Spejjez riservati.

Anthony Zammit

Dep Reg